# MUŻIKA FUNEBRI MAL-VARI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Dr Joseph F. Grima

Id-daqq solenni ta' mużika kiebja funebri fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira daż-żmien hu marbut l-aktar ma' tliet vari li nsibuhom preżenti fil-manifestazzjonijiet kollha li jiġu organizzati fil-Ġimgħa l-Kbira: l-Ort fil-Ġetsemani, ir-Redentur, u l-Kruċifissjoni ta' Ġesù (li hi magħrufa l-aktar bħala l-Vara l-Kbira) li hi l-qofol ta' kull purċissjoni tal-Passjoni. Għaldaqstant, tajjeb li nagħtu ħarsa ħafifa lejn kif żviluppa d-daqq tal-mużika f'dawn il-purċissjonijiet.

Jidher li xi forma ta' daqq ta' mużika kien diġà preżenti fl-ewwel snin tal-organizzazzjoni tal-ewwel purċissjonijiet, almenu fis-seklu sbatax. Fil-kontijiet tal-purċissjoni tal-Belt Valletta tal-1673, insibu mniżżlin l-ispejjeż għad-daqq tal-mużika fil-purċissjoni proprja.[i] Jekk imbagħad nitfgħu ħarsitna lejn in-Naxxar, naraw li sal-1761 kienu saru regolari, dejjem skont il-kontijiet tal-purċissjoni, id-daqq tat-*tamborlini e fifera* flimkien mal-*violincello e violini*.[ii] Jidher li d-daqq tat-tanbur u l-fifra fil-bidu tal-purċissjoni kien sar parti integrali ta' bosta manifestazzjonijiet, jekk mhux kollha wkoll, b'eżempji tipiċi jkunu Bormla, l-Isla u n-Naxxar fejn, però, inqatgħu maż-żmien. Fil-Belt Valletta, it-tanbur u l-fifra fil-bidu tal-manifestazzjoni tidher li baqgħet ħajja għal bosta snin bħalma tixhed pittura taż-żejt fuq l-injam ta' Gerolamo Gianni li hi datata 1878. Din turina l-bidu tal-purċissjoni fi Triq il-Merkanti: hemm standard vjola quddiem il-vara tal-Ort fil-Ġetsemani u quddiemhom naraw żewġt irġiel – lebsin pulit bil-ġakketta, ċoff u kappell – isemmgħu l-fifra u t-tanbur.[iii]



Pittura ta' Gerolamo Gianni fl-1878 li turi l-purċissjoni tal-Belt Valletta mmexxija minn daqqaqa tal-fifra u t-tanbur. (Daniel Cilia)

Fis-seklu tmintax ukoll, fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, mal-vara ta' Kristu Mejjet, lokalment magħrufa bħala l-Monument, fil-Birgu kien ikun hemm, fost oħrajn, żewġ suldati mibgħutin mill-Kaptan Ġenerali tax-Xwieni tal-Kavallieri li kienu jdoqqu fifra u tanbur. Wara li l-Kavallieri telqu minn Malta, fi żmien l-Ingliżi bdew jintbagħtu suldati Maltin li kienu fis-servizz Ingliż.[iv] Fi tfuliti, sa madwar ftit aktar minn ħamsin sena ilu, niftakar li mal-Monument ta' Ħal Qormi kien ikun hemm id-daqq tal-vjolini akkumpanjat bil-kant tal-Miserere mill-abbatini. L-istess kien isir fil-Għargħur almenu sa ftit snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija.[v] Jista' jkun li d-daqq tal-mużika mal-Monument kien oriġina fis-seklu tmintax f'postijiet bħall-Birgu u nxtered mal-kampanja Maltija. Dan ma jfissirx li kant sagru mal-Monument inqata' għalkollox: fil-Mosta, biex nagħtu eżempju wieħed, kor

i G. Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt* (Malta 1976), 31.

ii P.F. Catania, "Holy Week Procession at Naxxar: Origins and Early Development in the 18th Century, *The Democrat*, 11.iv.1987; Idem "Fin-Naxxar", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, ed. M.J. Schiavone (Malta 1992), 103.

iii N. De Piro, *The International Dictionary of Artists who Painted Malta*, l-ewwel edizzjoni, Malta 1988, 108, jirriproduċi pittura simili ħafna. Fit-tieni edizzjoni (ħafna aktar voluminuża) ta' dan il-ktieb, Malta 2002, din il-pittura ma ġietx riprodotta.

iv A. Zammit Gabarretta, *Il-Birgu fil-Ġimgħa tal-Għid* (Malta 1973), 11.

v K. Bezzina, "Fil-Għargħur", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, ed. M.J. Schiavone (Malta 1992), 135.



F'kull purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkun hemm banda teżegwixxi l-marċi funebri quddiem il-Vara l-Kbira. (John Baldacchino, PhotoPoint, Ħal Qormi)



L-iskawts jakkumpanjaw lill-vara tar-Redentur bil-*bugles* u t-tnabar. (John Baldacchino, Photo Point, Ħal Qormi)

ta' tfajliet u bniet jakkumpanjaw wara din il-vara u jkantaw innijiet sagri tal-okkażjoni.

Lejn tmiem l-aħħar snin tad-disa' deċennju tas-seklu tmintax, hu magħruf u dokumentat li fin-Naxxar kien hemm daqqaqa tat-tnabar u l-fifri, bħalma diġà aċċennajna, li kienu jmexxu l-purċissjoni filwaqt li banda żgħira kienet iddoqq aktar lura fil-manifestazzjoni, x'aktarx bejn il-vari tal-Monument u l-Madonna tad-Duluri.[vi] Irridu nagħmluha ċara hawnhekk li, bil-kelma 'banda', dak iż-żmien kienu jifhmu grupp pjuttost żgħir ta' mużiċisti u mhux xi banda ta' sittin jew sebgħin ruħ – jekk mhux aktar ukoll – li naraw għaddejja minn quddiem għajnejna daż-żmien. Hawnhekk waħidha tiġi l-mistoqsija li, għalkemm għadu ma nstab xejn dokumentat rigward il-manifestazzjonijiet l-oħra, kienet possibbli li ma kienx hemm baned ta' dan it-tip idoqqu n-noti kiebja tal-mużika funebri fil-purċissjonijiet l-oħrajn tal-Ġimgħa l-Kbira? Ovvjament, nibqgħu dejjem fl-ambitu tal-ispekulazzjoni, iżda nħoss u nemmen li l-ibliet u l-irħula Maltin kien jikkupjaw, b'mod ġenerali (bħalma għadhom sal-lum), lil xulxin u li d-daqq tal-mużika funebri kien jinstama' almenu f'numru sew tal-purċissjonijiet. Fil-fatt, hu magħruf ukoll li fil-Birgu kienet tindaqq il-mużika fil-purċissjoni; kien iħallas l-ispejjeż tagħha r-Rettur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss (il-fratellanza organizzatriċi) li mill-1801 żied waqfa quddiem id-dar tiegħu minħabba f'hekk.[vii]

Iżda ma jista' jkollna ebda dubju x'beda jseħħ minn nofs is-seklu dsatax 'il hawn u dan nistgħu insostnuh għax kien f'dak iż-żmien li bdew jiġu organizzati l-każini tal-baned kif nafuhom illum. Bla tlaqliq ngħidu li, f'dawk il-lokalitajiet fejn kien hemm purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u kien hemm ukoll każin tal-banda, bdiet tindaqq il-mużika funebri, bil-banda normalment tokkupa dak il-post li kien u għadu l-qofol tal-manifestazzjoni, jiġifieri quddiem il-vara ta' Ġesù Msallab jew, kif nafuha fil-gżejjer Maltin, il-Vara l-Kbira. Ovvjament, dan ma sarx f'daqqa għax il-każini tal-baned żdiedu gradwalment fl-irħula u fl-ibliet, wieħed wara l-ieħor.[viii] Dan li qed ngħidu jkompli joħroġ ċar minn dak li seħħ fl-1879.

Dan is-sehem tal-baned inkwieta mhux ftit lill-awtoritajiet

vi Catania C. u Catania P., *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira Naxxar* (Malta 1990), 6 u 44; P. Catania (1992), 104.

vii A. Zammit Gabarretta (1973), 12.

viii Għal tagħrif dwar il-bidu tal-baned tas-seklu dsatax ara M.J. Schiavone (Editur), *L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, 3 volumi, Malta 1997, 1997 u 1998, passim. Barra minn hekk, hemm bosta każini tal-baned li ppubblikaw l-istorja tagħhom b'volumi riċerkati u annotati.

ekkleżjastiċi, mhux minħabba d-daqq funebri nnifsu, iżda minħabba l-atteġġjament tan-nies li kienu jakkumpanjaw il-baned fil-purċissjonijiet tal-Passjoni. Jidher li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kienu inkwetati bil-kif tant li fl-1879 l-Isqof Monsinjur Carmelo Scicluna pprojbixxa s-sehem tal-baned f'dawn il-purċissjonijiet għax ġie nnutat li bosta nies kienu qed jingħaqdu mal-baned u jimxu fin-nofs tal-purċissjoni fejn kienu wkoll ipejpu s-sigarri mingħajr ma jqisu jew impurtahom li kienu qed jieħdu parti f'manifestazzjoni reliġjuża u mhux ħarġu għal xi divertita. Rapport fl-istampa lokali kompliet tikkummenta wkoll li l-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt Valletta kienet deċiża li l-purċissjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn banda[ix] iżda reġgħu ħasbuha mill-ġdid u obdew id-direttivi tal-Isqof.[x] L-ordni episkopali ma kinitx tgħid li ma setax ikun hemm forma ta' sehem tal-baned iżda li ma jeħdux sehem fil-purċissjonijiet infushom. Għaldaqstant, il-baned setgħu jdoqqu weqfin f'post partikolari waqt li l-purċissjonijiet ikunu għaddejjin minn maġenbhom jew quddiemhom. Wara l-Ġimgħa l-Kbira, fil-gazzetti kien hemm kummenti li l-parroċċi kollha obdew id-direttiva episkopali u li l-purċissjonijiet kienu aktar serji milli kienu fis-snin preċedenti.[xi]

Ma jidhirx li l-projbizzjoni tal-Isqof Scicluna damet bosta snin. Fl-1892, rapport fl-istampa inkluda kitba dwar marċ funebri popolari li ndaqq fi Triq il-Merkanti, il-Belt, u li l-Banda La Vincitrice tal-Isla kienet ser tiddebutta dik is-sena fil-Ġimgħa l-Kbira.[xii] Dan ir-rapport mhuwiex konklużiv u jista' jkun li r-referenza kienet għad-daqq ta' mużika funebri minn post fiss. Iżda ma jeżisti ebda ekwivoku dwar rapport tal-1895 dwar Ħal Qormi fejn inkiteb li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet akkumpanjata minn żewġ baned,




L-iskawts fil-bidu ta' purċissjoni jdoqqu l-fifri akkumpanjati minn tanbur. (John Baldacchino, PhotoPoint, Ħal Qormi)

Pinto u San Ġorġ Martri, b'tal-ewwel iddoqq quddiem il-Vara l-Kbira[xiii] u l-oħra quddiem il-vara tal-Ort fil-Ġetsemani. Milli jidher, fil-Belt Valletta l-banda reġgħet bdiet takkumpanja l-purċissjoni fl-1897.[xiv]

Daqq ieħor li nsibu fil-Ġimgħa l-Kbira jipprovduh l-iskawts. Dawn daħlu fix-xena lejn it-tieni deċennju tas-seklu għoxrin meta dan il-moviment wasal fi xtutna u bdew idoqqu l-Last Post bil-*bugles* tagħhom quddiem il-vara tar-Redentur. F'xi lokalitajiet, bħar-Rabat u Ħal Qormi, l-iskawts jakkumpanjaw b'żewġ gruppi, wieħed minnhom bid-daqq tradizzjonali tal-fifra u t-tanbur lejn il-bidu tal-purċissjoni filwaqt li t-tieni grupp isemma' l-*bugles* tiegħu quddiem ir-Redentur, bħalma għadna kif ktibna. Dan it-tislim bil-*bugles* insibuh tista' tgħid fil-purċissjonijiet kollha għalkemm fiż-Żejtun u l-Isla, biex nagħtu żewġ eżempji, flok skawts jieħdu sehem gruppi ta' rġiel lebsin ta' suldati Rumani bit-trumbetti.

Daż-żmien, ma nimmaġinawx purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mingħajr l-akkumpanjament ta' mużika funebri. F'xi lokalitajiet, bħall-Mosta, in-Naxxar, Ħal Qormi u ż-Żejtun, jieħdu sehem iż-żewġ baned tal-post. F'xi postijiet oħra, minkejja li hemm almenu żewġ baned, bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħal Għaxaq u Ħal Luqa, il-baned jalternaw kull sena. Diversi baned issibilhom l-istess marċi funebri fir-repertorju tagħhom b'xogħlijiet ta', ngħidu aħna, Angelo Melilli, Ġanni Vella, George Hindren, Nikola Montebello, Antonio Miruzzi u l-mużika ta' Frederic Chopin u Gaetano Donizetti, naturalment fost bosta marċi oħra. Iżda l-kitba tal-marċi funebri hi proċess li għadu u jibqa' sejjer tant li regolarment, tista' liberament tgħid kull sena, nisimgħu kompożizzjonijiet ġodda ta' diversi surmastrijiet jindaqqu mill-baned Maltin u Għawdxin fil-purċissjonijiet annwali tal-Passjoni.

ix *L'Ordine*, 26.iii.1879.
x Ibid., 2.iv.1879.
xi Ibid., 16.iv.1879.
xii *Gazzetta di Malta*, 13.iv.1892.
xiii *Il-Ħabbar*, 20.iv.1895.
xiv G. Aquilina (1986), 52.